*- REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – ART 836 (1) KAP 12 -*

*- SKRITTURA PRIVATA 'AD VALIDITATEM' GHAL TRASFERIMENT TA' VETTURA-*

*- INTERESS GURIDIKU -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 t'April, 2001**

**Kawza Numru: 40**
**Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1351/00/RCP**

**Marion Aquilina**

**vs**

**Victor Aquilina**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors prezentat fid-9 ta' Mejju 2000 fejn ir-rikorrenti Victor Aquilina talab illi l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq riferrit u fl-ismijiet premessi jigi revokat kontrario imperio stante li

huwa sostna li fil-hrug tal-Mandat ma giex osservat il-principju ta' *audi alteram partem* u peress li sostna illi l-istess vettura kienet inbieghet u giet registrata f'isem John Aquilina fit-3 ta' Gunju 1999.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni tas-17 t'April 2000.

Rat ir-risposta tal-intimat Victor Aquilina tat-28 ta' April 2000.

Rat ir-rikors ta' Victor Aquilina u d-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Lulju 2000.

Rat ir-risposta ta' Marion Aquilina tat-28 ta' Novembru 2000 ghar-rikors ta' Victor Aquilina prezentat fid-9 ta' Mejju 2000.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2000 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-12 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbali tat-12 ta' Dicembru 2000, u tal-25 ta' Jannar 2001 fejn Dr Pawlu Lia ta' ruhu b'notifikat bl-avviz tar-riappuntament tar-rikors. Ir-rikors gie differit ghall-provi kollha tal-partijiet ghall-20 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tal-20 ta' Marzu 2001 fejn xehed ir-rikorrent John Aquilina u r-rikorrenti ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Rega' xehed ir-rikorrenti Victor Aquilina u Marion Aquilina. Dr Lia obbliga ruhu li fi zmien sebat' ijiem millum jipprezenta kopja tal-avviz f'*The Times* b'kopja lill-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghal digriet finali ghall-4 ta' April 2001.

Rat in-nota tar-rikorrenti tas-26 ta' Marzu 2001 fejn permezz taghha prezentat kopja ta' *The Times* tat-13 ta' April 2000.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li din il-procedura saret *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (1) tal-Kap 12**, pero` r-rikorrenti naqas li jindika taht liema sub-artikolu ta' l-artikolu 836 (a) sa (f) huwa qed jittenta jaghmel dan ir-rikors, mhux biss izda fl-ebda stadju ta' l-istess proceduri r-rikorrenti ma indika l-bazi legali tramite s-sub-artikoli ndikati li fuqa qed jibbaza l-allegazzjonijiet tieghu.

Illi ghal dak li huwa l-kontenut ta' l-istess rikors jinghad illi fil-hrug ta' l-istess Mandat ma jidhirx li gie b'xi mod injorat

il-principju ta' *audi alteram partem* anke ghaliex tali principju certament mhux applikabbli ghall-Mandati Kawtelatorji tat-tip in ezami u *di piu`* jirrizulta li l-istess ordni ghall-hrug ta' l-indikat mandat harget regolarment u skond il-ligi.

Illi fl-ahhar nett mill-provi prodotti jirrizulta li tali karozza kienet proprjeta` formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u mill-provi prodotti ma giet esebita` ebda skrittura valida ta' trasferiment ta' l-istess karozza mir-rikorrenti lil terzi liema skrittura hija rikjesta *sine qua non* ghall-validita` ta kull trasferiment ta' vettura simili.

Illi l-fatt li l-istess karozza tinsab registrata llum fuq terzi ma tbiddel xejn in-necessita` ta' tali skrittura, u ghalhekk fin-nuqqas ta' produzzjoni ta' l-istess it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu milqugha. Dan apparti illi fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li l-intimata tat il-kunsens taghha in skritt (u lanqas b'mod iehor) sabiex isir trasferiment ta' l-istess karozza lill-terzi, anzi jidher mill-provi prodotti li t-*transfer* jew registrazzjoni ta' l-istess vettura lill-terzi saret *ad insaputa* taghha.

Illi dwar il-mod kif tali karozza giet registrata fuq John Aquilina hu r-rikorrenti fit-3 ta' Gunju 1999, din il-Qorti anke fi grad ta' *prima facie* ghandha d-dubji serji taghha kemm minhabba l-fatt ta' kif il-karozza giet f'idejn ir-rikorrenti tramite l-intimata, kif jirrizulta mix-xhieda tal-kontendenti, u

anke peress li nonostante li l-istess rikorrenti qed jallega li tali karozza nbieghet minnu fit-3 ta' Gunju 1999 xorta wahda huwa baqa' jirreklama l-bejgh ta' l-istess karozza kif jirrizulta mir-reklam tat-13 ta' April 2000 fil-gazzetta *The Times* esebit b'nota tas-26 ta' Marzu 2001.

Illi stabbilit il-fatt li n-numru tat-telefon indikat fl-istess riklam huwa dak tar-rikorrenti u stabbilit ukoll il-fatt li l-prezz hemm citat ta' Lm4200 huwa hafna aktar minn dak li allegatament tali vettura inbieghet mir-rikorrenti lill-intimat, dan fih innifsu iqajjem dubji serjissimi dwar l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar il-bejgh ta' l-istess karozza fit-3 ta' Gunju 1999, fejn fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak allegat mir-rikorrenti sar biss bl-intenzjoni li jippregudika d-drittijiet ta' l-initmata fuq l-istess vettura bhala formanti mill-parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u dan bla pregudizzju ghall-validita` *o meno* ta' l-istess allegat trasferiment fin-nuqqas ta' skrittura privata skond il-ligi.

Illi fid-dawl tal-premess ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u ghall-grazzja ta' l-argument jinghad ukoll illi anke kieku kellu jigi koncess ghall-mument l-ezistenza ta' tali trasferiment, huwa difficli biex wiehed jifhem x'hinu l-interess guridiku tar-rikorrenti la darba huwa qed isostni li biegh l-istess vettura.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' r-ragunijiet indikati fir-risposta ta' l-intimata** tat-28 ta' Novembru 2000 **tichad it-talbiet tar-rikorrenti** kontenuti fir-rikors tieghu tad-9 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 t'April 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 t'April 2001.**